



IL-QORTI TAL-AWDITURI

Il-Qorti Ewropea tal-Awdituri hija responsabbli għall-awditjar tal-finanzi tal-UE. Bħala l-awditur estern tal-UE, din tikkontribwixxi għat-titjib fl-immaniġġjar tal-finanzi tal-UE u taġixxi bħala l-gwardjan indipendenti tal-interessi finanzjarji taċ-ċittadini tal-Unjoni.

IL-BAŻI ĠURIDIKA

L-Artikoli 285 sa 287 tat-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea (TFUE).

L-ISTRUTTURA

A. Il-Membri

1. L-għadd ta' Membri

Membru wieħed għal kull Stat Membru (it-Trattat ta' Nizza fformalizza dik li sa dak iż-żmien kienet l-unika proċedura rikonoxxuta), għalhekk attwalment hemm 27.

2. Ir-rekwiżiti

Il-Membri għandhom:

- ikunu parti jew kienu parti minn korpi esterni tal-awditjar fil-pajjiżi rispettivi tagħhom, jew ikunu kwalifikati b'mod speċjali għal din il-kariga;
- juru li m'hemm l-ebda dubju rigward l-indipendenza tagħhom.

3. Il-proċedura tal-ħatra

Il-Membri jinħatru:

- mill-Kunsill, permezz ta' maġġoranza kwalifikata;
- fuq ir-rakkomandazzjoni ta' kull Stat Membru fir-rigward tas-siġġu tagħhom stess;
- wara konsultazzjoni mal-Parlament Ewropew.

B. It-tip ta' mandat

1. It-tul tal-mandat

Sitt snin, rinnovabbli.

2. L-istatus

Il-Membri tal-Qorti tal-Awdituri jgawdu mill-istess privileġġi u immunitajiet li japplikaw għall-Imħallfin tal-Qorti tal-Ġustizzja.



3. L-obbligi

Il-Membri għandhom "jaqdu dmirijiethom f'indipendenza sħiħa". Dan ifisser li:

- Ma jistgħu jfittxu jew jieħdu iSTRUZZJONIJET mingħand l-ebda sors estern.
- Għandhom jastjenu minn kwalunkwe azzjoni li ma tkunx kompatibbli ma' dmirijiethom.
- Ma jistgħu jinvolvu ruħhom fl-ebda attività professjonali oħra, kemm jekk bi ħlas u kemm jekk le.
- Jekk jiksru dawn il-kundizzjonijiet, il-Qorti tal-Ġustizzja tista' tneħħihom mill-kariga.

C. L-organizzazzjoni

Il-Kulleġġ jaħtar il-President tiegħu minn fost il-Membri tiegħu għal mandat ta' tliet snin li jista' jiġġedded.

Il-Qorti torganizza ruħha f'ħamest ikmamar, b'responsabbiltà għal oqsma speċifiċi ta' nfiq u dħul:

- Kamra I: Użu sostenibbli ta' riżorsi naturali
- Kamra II: Investiment għall-koeżjoni, it- tkabbir u l-inklużjoni
- Kamra III: Azzjoni esterna, sigurtà u ġustizzja
- Kamra IV: Regolamentazzjoni tas-swieq u ekonomija kompetittiva
- Kamra V: Finanzjament u amministrazzjoni tal-Unjoni Ewropea

Kull Kamra għandha żewġ oqsma ta' responsabbiltà: l-ewwel nett, li tadotta rapporti speċjali, rapporti annwali speċifiċi u opinjonijiet; it-tieni, li tfejji abbozzi ta' osservazzjonijiet għar-rapporti annwali dwar il-baġit ġenerali tal-UE u l-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, u abbozzi ta' opinjonijiet biex jiġu adottati mill-Qorti kollha kemm hija.

Il-Qorti għandha madwar 900 membru tal-persunal u hija bbażata ġewwa l-Lussemburgu.

IS-SETGHAT

A. L-awditjar tal-Qorti

1. Il-qasam ta' kompetenza

Il-Qorti tal-Awdituri teżamina l-kontijiet ta' dħul jew ta' nfiq tal-Unjoni Ewropea u ta' kull korp ieħor tal-UE. Il-Qorti twettaq l-awditjar tagħha biex tikseb assigurazzjoni raġonevoli dwar:

- l-affidabilità tal-kontijiet annwali tal-Unjoni Ewropea (awditu finanzjarju);
- il-legalità u r-regolarità tat-tranżazzjonijiet ta' bażi (awditu tal-konformità); kif ukoll
- l-istabbiltà tal-ġestjoni finanzjarja (awditu tal-prestazzjoni).



2. Metodi ta' awditjar

L-awditjar tal-Qorti huwa kontinwu; jista' jsir qabel jingħalqu l-kontijiet għas-sena finanzjarja kkonċernata. Dan huwa bbażat fuq rekords u jista' jsir fil-bini ta':

- istituzzjonijiet u aġenziji tal-UE;
- kwalunkwe korp li jimmaniġġja d-dħul jew l-infiq f'isem l-UE;
- kwalunkwe persuna fiżika jew ġuridika li tirċievi pagamenti mill-baġit tal-UE.

Fl-Istati Membri, l-awditjar isir f'kooperazzjoni mal-Istituzzjonijiet Supremi tal-Awditjar nazzjonali. Dawk awditjati jintalbu jibagħtu lill-Qorti kull dokument jew informazzjoni li jidhrilha li jkunu meħtieġa għall-finijiet tagħha.

Il-Qorti ma għandhiex setgħat investigattivi. Għaldaqstant, din tirrapporta każijiet ta' frodi u korruzzjoni lill-Uffiċċju Ewropew ta' Kontra l-Frodi (OLAF), li mbagħad jinvestiga dawn il-każijiet.

3. Rapporti tal-awditi

Wara l-verifiki tagħha, il-Qorti tippublika:

- Rapporti annwali dwar l-implimentazzjoni tal-baġit tal-UE u tal-Fond Ewropew għall-Iżvilupp, inkluż id-Dikjarazzjoni ta' Assigurazzjoni;
- Rapporti annwali speċifiċi dwar l-aġenziji, il-korpi deċentralizzati u l-impriżi konġunti tal-UE;
- Rapporti speċjali dwar suġġetti ta' interess, partikolarment dwar kwistjonijiet ta' ġestjoni finanzjarja tajba u nfiq speċifiku jew oqsma ta' politika;
- Rieżamijiet li jkopru politiki u suġġetti ta' maniġment minn perspettiva mifruxa, jippreżentaw analiżi ta' oqsma jew kwistjonijiet li għadhom mhumiex awditjati jew jistabilixxu bażi fattwali dwar ċerti suġġetti (sa Settembru 2019, ir-rieżamijiet kellhom diversi subkategoriji: rieżamijiet panoramiċi, dokumenti ta' tagħrif u rieżamijiet tal-kawża rapida).

B. Is-setgħat konsultattivi

Skont l-Artikolu 287(4) TFUE, istituzzjonijiet oħrajn jistgħu jitolbu lill-Qorti tagħti l-opinjoni tagħha meta jaħsbu li jkun hemm bżonn. L-opinjoni tal-Qorti hija mandatorja meta l-Kunsill:

- Jadotta regolamenti finanzjarji li jispeċifikaw il-proċedura għall-istabbiliment u l-implimentazzjoni tal-baġit u għall-preżentazzjoni u l-awditjar tal-kontijiet;
- Jiddetermina l-metodi u l-proċedura li bihom ir-riżorsi proprji tal-UE jsiru disponibbli lill-Kummissjoni;
- Jistipula regoli li jikkonċernaw ir-responsabbiltà tal-kontrolluri finanzjarji, uffiċjali tal-awtorizzazzjoni u uffiċjali tal-kontabilità; jew
- Jadotta miżuri kontra l-frodi.



ID-DIKJARAZZJONI TA' ASSIGURAZZJONI U R-RATA TA' ŻBALL

L-awdituri taw opinjoni pożittiva dwar l-affidabbiltà tal-kontijiet tal-UE għall-2018, jew "ivvalidawhom", kif kien il-każ kull sena mill-2007 'l hawn. Id-dħul fl-2018 (bħall-2017) ma kellu ebda żball materjali.

Parti sinifikanti wkoll tan-nefqa tal-2018 ma kinitx affettwata minn żbalji materjali. Għaldaqstant, għat-tielet sena konsekuttiva, il-Qorti ħarġet opinjoni kwalifikata (minflok opinjoni negattiva) dwar ir-regolarità tat-tranżazzjonijiet li fuqhom huma bbażati l-kontijiet (din hija t-tielet darba minn meta fl-1994 l-Qorti bdiet tipprovdi dikjarazzjoni annwali ta' assigurarazzjoni). B'mod ġenerali, l-aħħar għaxar snin juru titjib sinifikanti: bejn l-2006 u l-2011: il-Kummissjoni rnexxielha ttejjeb il-ġestjoni finanzjarja, u b'hekk naqset ir-rata ta' żball minn 7 % fl-2006 għal 3.9 % fl-2011. Filwaqt li r-rata ta' żball telgħet għal 4.8 % fl-2012, minn dak iż-żmien 'l hawn din baqgħet titjeb (4.7 % fl-2013, 4.4 % fl-2014, 3.8 % fl-2015, 3.1 % fl-2016 u 2.4 % fl-2017) b'żieda żgħira fl-2018, fejn ir-rata kienet 2.6 %.

Fir-Rapport Annwali tagħha tal-2018, il-Qorti indikat li għadhom jeżistu ċerti problemi b'mod partikolari fejn il-pagamenti mill-baġit tal-UE jsiru lill-benefiċjarji abbażi tad-dikjarazzjonijiet tagħhom rigward l-ispejjeż imġarrba qabel, li jafu jiġu soġġetti għal regoli kumplessi. Hekk kif il-fażi ta' tfassil tal-Qafas Finanzjarju Pluriennali (QFP) 2014–2020 waslet fl-aħħar tagħha, il-Qorti aċċentwat ukoll li r-rati baxxi ta' assorbiment tal-fondi strutturali u tal-investment jistgħu jpoġġu pressjoni fuq il-ħtiġijiet ta' pagament fil-bidu tal-QFP il-ġdid. Barra minn hekk, il-fatt li l-baġit tal-UE jappoġġja garanziji, b'somma li tammonta għal EUR 92.8 biljun, iwassal għal żieda fl-iskopertura għar-riskju. Jeħtieġ li ż-żewġ kwistjonijiet jiġu indirizzati fil-QFP li jmiss.

IR-RWOL TAL-PARLAMENT EWROPEW

Il-Qorti tal-Awdituri (QEA) ġiet stabbilita fl-1977 fuq l-inizjattiva tal-Parlament Ewropew. Din saret istituzzjoni tal-UE fl-1993. Minn dakinhar, din għenet lill-Parlament u lill-Kunsill jeżerċitaw ir-rwol tagħhom li jikkontrollaw l-implimentazzjoni tal-baġit. Ir-rapporti annwali u r-rapporti speċjali jservu bħala l-bażi tal-eżerċizzju annwali tal-Parlament għall-kwittanza.

Il-membri tal-Qorti huma mistiedna jippreżentaw ir-rapporti tagħhom fil-laqgħat tal-kumitat (kemm dawk tal-Kumitat tal-Parlament Ewropew għall-Kontroll tal-Baġit (CONT) kif ukoll dawk tal-kumitati speċjalizzati) u jwieġbu l-mistoqsijiet tal-Membri tal-PE. Kull sena, il-Qorti tal-Awdituri u l-Kumitat CONT tal-Parlament jorganizzaw bosta laqgħat li matulhom il-membri tal-Kumitat CONT jiddiskutu mal-Membri tal-Qorti l-prijoritajiet politiċi tagħhom, il-programm ta' ħidma annwali tal-Qorti, arranġamenti dettaljati għal kooperazzjoni, eċċ. Darba fis-sena, il-President tal-QEA jattendi laqgħa tal-Konferenza tal-Prezidenti tal-Kumitati tal-Parlament biex jippreżenta l-programm ta' ħidma annwali tal-QEA u jstieden lill-kumitati kollha jippreżentaw is-suġġerimenti tagħhom għall-eżerċizzju ta' programmazzjoni li jmiss. Il-Parlament jagħmel ukoll suġġerimenti dwar dawn il-kwistjonijiet fir-riżoluzzjonijiet annwali tiegħu dwar il-kwittanza tal-Qorti tal-Awdituri.



Għandu jiġi osservat ukoll li l-Kumitat CONT jorganizza seduti ta' smiġħ ta' kandidati nominati għall-kariga ta' Membru tal-Qorti. Barra minn hekk, l-għarfien espert tal-Qorti għin lill-Membri tal-PE fit-tfassil tal-leġiżlazzjoni dwar kwistjonijiet finanzjarji.

Michaela FRANKE / Rudolfs Verdins
05/2020

